**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira**

**Laqgħa Numru 12** **Nhar l- Erbgha 21 ta ' Mejju, 2025**

Il-Kunsill Lokali tal-Gżira ltaqa' fil-boardroom tal-Kunsill Lokali fil- 5:00pm.

**Preżenti:**

- **Neville Chetcuti** – Sindku
- **Joyce Bray** – Kunsilliera
- **Martin Vella** – Kunsillier
- **Ryan Sciberras** – Kunsilliera
- **Aaron Caruana** – Kunsillier
- **Tania Borg – Kunsillier**
- **Jessica Borg** – Kunsilliera
- **Ralph Mangion** – Viċi Sindku

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A(3)):**

- **Conrad Borg Manche** – Kunsillier

**Assenti:**

Ħadd

**Uffiċjali Preżenti:**

**Mandy** Farrugia **– Segretarju Eżekuttiv ASSENTI**

**Ħadd**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

---

## 12.1 – Qari tal-Ittri ta’ Apoloġiji

**12.1.1** Il-laqgħa nfetħet b’talba tas-Sindku, Sur Neville Chetcuti.
**12.1.2** Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li waslet apoloġija mingħand il-Kunsillier Conrad Borg Manche.

---

## 12.2 – Approvazzjoni tal-Minuti Preċedenti

**12.2.1** Il-minuti tal-Laqgħa Numru 11 tqassmu u ttieħdu bħala moqrija.
**12.2.2 Sliema Road** – Ix-xogħol se jitkompla fil-jiem li ġejjin.
**12.2.3 BCRS** – Is-Sindku informa li l-magna tinsab issa fi Pjazza Gerry Zammit. Il-Kunsill talab għal żewġ settijiet tal-plastik. Il-Kunsillier Aaron Caruana staqsa jekk tistax titpoġġa magna oħra ħdejn il-parkeġġ tas-Sacred Heart.
**12.2.4 Minuta 9.5.4** – Il-Kunsilliera Jessica Borg irrimarkat li l-attivitajiet se jsiru fix-Xatt u mhux fil-ġnien.
**12.2.5** Fuq proposta tal-Kunsilliera Tania Borg, sekondata mill-Kunsilliera Jessica Borg, il-minuti ġew approvati.

---

## 12.3 – Ġieħ il-Gżira

Il-Kunsill irċieva nomina waħda għal **Ġieħ il-Gżira** u kien hemm qbil unanimu.

## 12.1 – Qari tal-Ittri ta’ Apoloġiji

---

## 12.2 – Approvazzjoni tal-Minuti Preċedenti

**12.2.1** Il-minuti tal-Laqgħa Numru 11 tqassmu u ttieħdu bħala moqrija.

**12.2.2 Sliema Road** – Ix-xogħol se jitkompla fil-jiem li ġejjin.

**12.2.3 BCRS** – Is-Sindku informa li l-magna tinsab issa fi Pjazza Gerry Zammit. Il-Kunsill talab għal żewġ settijiet tal-plastik. Il-Kunsillier Aaron Caruana staqsa jekk tistax titpoġġa magna oħra ħdejn il-parkeġġ tas-Sacred Heart.

**12.2.4 Minuta 9.5.4** – Il-Kunsilliera Jessica Borg irrimarkat li l-attivitajiet se jsiru fix-Xatt u mhux fil-ġnien.

**12.2.5** Fuq proposta tal-Kunsilliera Tania Borg, sekondata mill-Kunsilliera Jessica Borg, il-minuti ġew approvati.

---

**12.3 – Ġieħ il-Gżira**

Il-Kunsill irċieva nomina waħda għal **Ġieħ il-Gżira** u kien hemm qbil unanimu.

**Ġieħ il-Gżira:**

Sur Joe Borg

**Nominazzjonijiet għal Apprezzament:**

Sur Tony Micallef

Sur Vanni Riolo

Sur Sharlon Pace

Sur Joseph Spiteri

Dun Gordon Refalo

Sur Ivan Gaffiero

Dr John Vella

Sur Joe Camilleri

Sur Hugh Caruana

Prof. Godfrey Pirotta

Sur Ivan u s-Sinjura Simone Debattista

Sur Richard Aquilina

**Nomina għal Unur:**

Sur Dillon Cassar

---

**12.4 – Korrespondenza mis-Sindku**

**12.4.1 – Attivitajiet tas-Sajf fix-Xatt**
David Grasso se jorganizza l-attività **Summer Nights**, li tibda nhar it-Tlieta, 17 ta' Ġunju, bejn is-7:00 PM u l-11:00 PM.

**12.4.2 – Bieb il-Gżira**
Il-Kunsill qed jikkunsidra li jagħmel replika tal-Bieb tal-Gżira jekk ma jintlaħaqx ftehim mal-baruni sabiex jitressaq mill-post fejn jinsab bħalissa.

**12.4.3 – Sliema Road**
Il-proġett ta' Nature Trust wasal biex jitlesta. Is-siġar jeħtieġu tisqija darbtejn fil-ġimgħa għal 16-il xahar.

**12.4.4 – STEM Community Fund 2025 – Proposta ta' Proġett**
Il-Kunsill Reġjonali tal-Lvant flimkien mas-Soċjetà Astronomika ta' Malta qed jipproponu proġett edukattiv dwar l-astronomija. Bħala parti minn dan il-proġett, qed tiġi proposta wkoll l-installazzjoni ta' **Planet Trail**, simili għal dik li teżisti f'San Pawl il-Baħar ħdejn l-Akwarju Nazzjonali. Din tipprovdi opportunità edukattiva u ta' sensibilizzazzjoni dwar l-importanza li jitnaqqas it-tniġġis tad-dawl.
Il-Kunsill approva l-inizjattiva u esprima l-appoġġ sħiħ tiegħu biex il-proġett jiġi sottomess u implimentat kif propost.

**12.4.5 – Il-Binja wara l-Ġnien**
Is-Sindku talab li l-parkeġġ jibda jintuża, billi ilu 9 xhur mhux użat, sakemm jitkompla l-proġett.

**12.4.6 – Dawl fix-Xatt**
Il-Kunsillier Martin Vella semma problema ta' dawl mitfi fix-Xatt. Is-Sindku wiegħed li din tiġi solvuta taħt l-iskema relevanti.

**12.4.7 – BCRS – Aġġornament**
Il-magna l-ġdida se titpoġġa ħdejn il-pixxina. Fir-rigward ta' Pjazza Gerry Zammit, intalab li jkun hemm żewġ settijiet għall-plastik.

---

**12.5 – Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**12.5.1** Il-Kunsillier Martin Vella staqsa dwar il-kamera ħdejn il-housing; għadhom jistennew il-permess.

**12.5.2** Il-Kunsillieri Aaron Caruana u Ryan Sciberras ssuġġerew round ġdid ta' bowsers biex jitnaddfu t-toroq – is-Sindku qabel.

**12.5.3** Il-Kunsillier Ryan Sciberras irrimarka li hemm siġra taż-żebbuġ mejta – is-Sindku qal li se jkellem lill-kuntrattur biex din titneħħa u tinżergħa oħra fil-ġnien.

**12.5.4** Il-Kunsilliera Joyce Bray staqsiet dwar il-korsijiet – ġie kkonfermat li għaddejjin.

**12.5.5** Il-Kunsilliera Jessica Borg talbet biex titneħħa pjanta minn fuq il-paġna ta' Facebook. Is-Segretarju Eżekuttiv ser jitkellem mal-istaff biex jiġi diskuss jekk hemmx xi soluzzjoni, billi l-pjanta hi ta' importanza għal min ikun ġej mill-Gżira.

**12.5.6** Il-Viċi Sindku Ralph Mangion semma l-urġenza li ssir pressjoni biex jissewwa l-A/C li mhux qed jaħdem.

---

**12.6 – Skema SPI.SCI.07.2025 – Komunitajiet Aktar B'saħħithom u ta' Kwalità**
Il-Kunsill approva li jsir titjib fuq iċ-central strip li jinsab fit-Triq ix-Xatt, kif ukoll facelift għax - xatt fejn meħtieġ, minħabba li ilu żmien ma jsir ebda

manutenzjoni fuqhom. L-iskadenza għal sottomissjoni taħt din l-iskema hija t-Tlieta, 29 ta' Lulju 2025.

---

**12.7 – Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

L-iskeda numru 11/9 ġiet approvata fuq proposta tal-Kunsilliera Jessica Borg, sekondata mill-Kunsillier Ryan Sciberras.

---

**12.8 – Tmiem il-Laqgħa**

Il-laqgħa ntemmet fis-6:35 PM.
Is-seduta li jmiss se ssir nhar it-Tnejn, 23 ta' Ġunju 2025, fid-5:00 PM.

**IFFIRMATA:**

| | |
|---|---|
| **Neville Chetcuti** | **Mandy Farrugia** |
| Sindku | Segretarju Eżekutti |